**Tlabt għaliha l-grazzja**

Għajjien, mgħobbi bin-niket, bil-qtiegħ il-qalb
Għandek ġejt Mulej tiegħi, O Salvatur,
Biex minnek nieħu t-tama li ma tqarraqx
Li tmexxini fis-sewwa kulfejn immur.

Waqt il-waqtiet ferm iebsin ta' din ħajti
Miegħek ftaħt beraħ qalbi mingħajr mistrieħ,
U waqt li tennejtlek in-niket tiegħi
Dik kelmtek hi l-faraġ li qatt ma ninsieħ.

Bilqiegħda fil-pjazza għas-sirda tal-lejl
Jien bkejtlek Mulejja fil-baħħ madwari,
Fittixtek fil-vojt fejn fih sibt biss ix-xejn
Għalkemm ħassejtek terfagħni minn xagħri.

Għaddew il-jiem bit-tbandil kollha tagħhom
Sakemm ġie l-waqt li ħassejtek ferm viċin,
Rajtek tidħakli minn wara karozza
Qisu biex tgħidli l'għalija int ħanin.

Għaddew il-jiem u int bqajt turi ruħek
F'ħafna għemejjel ferm sbieħ u qaddisa,
Għax int tassew smajtni għax Int Setgħani
Urejtni li l-grazzja mhijiex irħisa.

Imma meħtieġa bil-bosta għalija
Fl-aħħar tagħtni s-sliem f'qalbi li tant nixtieq,
Għax għallmittni nħares b'mod differenti
Lejn dil-ħajja kollha ward, xewk u ħurrieq.

U issa, fil-bidu ta' dal-jum ħiemed,
Nixtieq niżżik ħajr li minn fuq galassja,
Għentni ninżel ħa nsibek u induqek
Għax fl-aħħar, wara li tlabt qlajt il-grazzja.

Patri Mario Attard OFM Cap
7 ta' Diċembru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.